MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tas-26 ta' Ottubru, 2005

Avviz Numru. 716/1997/1

**Carmelo Cortis**

**Vs**

**Carmel Schembri**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-attur talab sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandhux jigi kundannat li jhallas lill-istess attur is-somma li tigi likwidata ghad-danni subiti fil-vettura tieghu Skoda numru ta' Registrazzjoni L-9153 fl-incident awtomobilistiku tat-13 ta' Jannar 1997 f'Mdina Road, Zebbug ghal liema incident l-istess konvenut kien unikament responsabbli.

Bl-ispejjes, komprizi dawk tal-ittra legali tat-13 ta' Marzu 1997, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut (fol 6 tal-atti) u li biha eccepixxa bir-rispett:-

1. Illi l-incident tat-traffiku meritu ta' dan l-avviz ma garax tort tieghu, izda gara unikament tort u htija tal-attur u dana kif sejjer jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.
2. Illi stante li dan l-incident ma' garax tort tal-eccipjenti, l-ebda ammont ma' huwa dovut lill-attur nomine in linea ta' danni, liema danni f'kwalunkwe kaz huma ezagerati.
3. Salve eccezzjonijiet ohra.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi <u>l-attur</u>, kif risultanti a fol 14 tal-atti, xehed li hu kien ipparkegga il-karozza misjuqa minnu mal-bankina f'Triq l-Imdina (…'mal-bankina, mal-hajt). Wara li nizel mill-karozza u "… kont qieghed naghlaq il-bieba tad-'driver' gie l-iehor u tani daqqa fuq l-istess bieba'. Filfatt hakk mieghu ukoll. L-istess attur iddeskriva din it-triq bhala 'wiesgha' u 'filfatt jghaddu tlett karozzi u dan fuq kull naha tal-karreggata'. Dwar dan hu kompla jghid, fil-kontro esami, illi fuq it-triq in kwistjoni ma kienx hemm sinjali izda 'central strip' biss. Inoltre, qabel ma kien hareg mill-karrozza tieghu hu kien hares lura, mill-mera' interna u kien, effettivament, ra l-vettura misjuqa mill-konvenut gejja '… mill-boghod … kemm kemm jidher mill-mera' waqt li l-istess vettura kienet qed tinsaq '… fuq in-naha tas-'central strip. Meta fetah il-bieba, hu rega' hares lura u ra li l-vettura misjuqa mill-konvenut kienet '… kemm kemm' tidher. Ghalhekk hareg mill-karozza '…dort , qbadt il-bieba minn fuq" sabiex jghalaqha.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi f'dan il-kaz, ma sar l-ebda skizz, kif xehed <u>PS (Illum Spettur) Carlo Ellul)</u> (fol 25 et seq ibid) u ghar-raguni indikata fl-istess xhieda (ara fol 26 ibid). L-istess xhud

specifika illi l-hsara fil-vettura tal-attur kienet giet kagunata fuq il-bieb tal-lemin ta' quddiem u fuq il-'mudguard' tal-istess naha fuq quddiem' waqt li dik li hu ra fuq il-vettura misjuqa mill-konvenut kienet tinsab fuq il-parafangu u l'indicator' fuq in-naha tax-xellug fuq quddiem (ara ukoll il-kopja tar-rapport redatt mill-istess xhud a fol 24 ibid).

Ikkunsidrat

Illi da parti tal-konvenut, dan jsostni (ara l-'affidavit' a fol 41 ibid) illi hu kien innota illi kien hemm karozza wieqfa fil-genb tat-triq fuq ix-xellug tieghu. L-istess karozza kellha il-bieba taghha "…kwazi nofsha miftuha' u 'bejn il-bieba u l-karozza kien hemm ragel bil-wieqfa". Minhabba hekk, hu kompla jsuq bil-mod "… imma hrigt ftit aktar il-barra lejn nofs it-triq u meta wasalt zewg piedi l-boghod minn din il-bieba … (din) infethet izjed…' u b'hekk laqatha (ara ukoll ix-xhieda ta' mart il-konvenut Catherine Schembri a fol 42 ibid).

Illi meta riprodott in kontro esami l-konvenut (fol 66 et seq ibid) hu kompla jsostni illi meta kien ra l-karozza tal-attur, din kienet il-boghod certa distanza wieqfa u parkeggata bil-bieba in kwistjoni 'partly open' madwar ghoxrin pulzier u l-attur 'baxxut go fiha' u 'b'saqajh it-tnejn fuq it-triq'. L-istess bieba kienet qed isserrah mal-genb tal-lemin tal-attur. Meta ra dak kollu li ghadu kemm gie deskritt minnu, hu kompla jsuq hu kompla biex jghid illi fuq il-lemin tieghu kien hemm, ghaddejjin, karozzi ohrajn u ghalhekk 'ma stajtx nigbed lejn il-lemin tieghi' u dwar dan hu semma illi, fit-triq in kwistjoni, minhabba il-wiesa' taghha '.. karozza tista' tipparkja, tghaddi karozza ohra kif ukoll karozza ohra ukoll". Dwar l-incident, hu sahaq illi l-istess incident sehh peress li ".. il-bieba diga miftuha pero' kompliet tinfetah(".. pied iehor") meta ezattament wasalt ma' genb il-karozza tal-attur".

Ikkunsidrat

Illi, hawnhekk, ghandha zewg versonijiet tal-fatti in esami fil-fehma ta' din il-Qorti originalment probabbli a basi tal-provi prodotti. Difatti, in rigward dak li xehdu l-attur, u l-

konvenut, l-istess zewg versjonijiet huma ugwalment kredibbli. Ghalhekk jista' jkun probabbli ukoll illi dan l-incident seta' gie kagunat mill-attur stess meta dan fetah ulterjorment bieba in kwisjtoni li kienet di gja 'in parte' gja miftuha. Konsegwentement, hu seta' kkaguna dan l-incident minhabba nuqqas ta' attenzjoni da parti tieghu.

Illi hawnhekk il-Qorti tirrepeti dak li jinghad fl-artikolu 562 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta ossija illi l-obbligu tal-prova ta' fatt imiss dejjem lil minn jallegah u dwar il-kaz in desamina l-Qorti ma hiex sodisfatta illi l-attur ipprova skond il-ligi illi dan l-incident gie kagunat minhabba traskuragni da parti tal-konvenut.

Ikkunsidrat

Illi, ghalhekk, it-talbiet attrici ma jistghux jigu akkolti.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti tichad it-talbiet attrici bl-ispejjes, fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz, jibqghu bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------